

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 14.10.2009
KUMM(2009) 543 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-
PARLAMENT EWROPEW**

**STRUMENT GĦAL GĦAJNUNA TA' QABEL L-ADEŻJONI (IPA)
QAFAS FINANZJARJU INDIKATTIV MULTIANNWALI GĦALL-2011-2013**

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

STRUMENT GĦAL GĦAJNUNA TA' QABEL L-ADEŻJONI (IPA) QAFAS FINANZJARJU INDIKATTIV MULTIANNWALI GĦALL-2011-2013

Introduzzjoni

Il-Qafas Finanzjarju Indikattiv Multiannwali (MIFF) għall-Istrument għal Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) huwa mfassal biex jipprovdi informazzjoni dwar l-analiżi indikattiva tal-pakkett IPA globali propost mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-IPA (KE) 1085/2006. Dan jagħixxi bħala r-rabta bejn il-qafas politiku fi ħdan il-pakkett tat-tkabbir u l-proċess tal-baġit. Id-Dokumenti ta' Ppjanar Indikattiv Multiannwali (MIPD) stabbiliti għal kull pajjiż benefiċjarju u għal programmi multibenefiċjarji, li permezz tagħhom tingħata l-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni, jikkunsidraw l-analiżi indikattiva proposta mill-MIFF.

L-MIFF huwa bbażat fuq ċiklu ta' pprogrammar kurrenti ta' tliet snin. F'ċirkostanzi normali, MIFF għas-snin N, N+1 u N+2 ser jiġi ppreżentat fl-aħħar tliet xhur tas-sena N-2 bħala parti mill-pakkett tat-tkabbir, li jirrappreżenta bidla finanzjarja proposta tal-prijoritajiet politiċi stipulati fi ħdan il-pakkett innifsu, billi jitqies il-Qafas Finanzjarju. Dan l-MIFF hu għas-snin 2011-2013. Dan jindika l-allokazzjoni tal-pakkett għal għajnuna ta' qabel l-adeżjoni skont il-pajjiż u skont il-komponent għal dawn is-snin, u jagħti wkoll indikazzjoni tal-pakkett għall-programm li jinvolvi diversi benefiċjarji u n-nefqa ta' appoġġ.

Bħal fis-snin ta' qabel, l-MIFF jiġi ppubblikat abbażi tal-istat preżenti tal-pajjiżi kkonċernati u b'hekk f'dan l-istadju ma jantiċipa l-ebda deċiżjonijiet dwar: l-istat ta' pajjiżi li jkunu ssottomettew applikazzjoni għal adeżjoni (il-Montenegro, l-Albanija u l-Iżlanda); xi data probabbli għal xi pajjiż kandidat; jew l-inklużjoni tal-Iżlanda fir-Regolament tal-IPA¹. Jekk ikun hemm bżonn xi emendi sinifikant għal dan il-MIFF fid-dawl ta' avvenimenti bħal dawn li jseħħu qabel il-pubblikazzjoni annwali li jmiss tal-MIFF fil-ħarifa tal-2010, il-Kummissjoni se tippubblika verżjoni emendata fiż-żmien xieraq. Darba li pajjiż kandidat jaderixxi mal-UE, il-fondi kollha ta' pre-adeżjoni li jkunu ġew temporanjament allokati għal dak il-pajjiż mis-sena tal-adeżjoni 'l quddiem ma jibqgħux aktar disponibbli għal dan l-Istati Membru ġdid.

Il-prijoritajiet politiċi globali għal qabel l-adeżjoni huma stipulati fis-Sħubijiet ta' Adeżjoni u fis-Sħubijiet Ewropej, fir-rapport ta' progress annwali u fid-dokument ta' strateġija għat-tkabbir li jinsabu fil-pakkett tat-tkabbir ippreżentat kull sena lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew.

Programmar Finanzjarju Strateġiku

1. Allokazzjoni ta' fondi bejn il-pajjiżi

Il-punt tat-tluq għall-allokazzjonijiet fl-2007 kien impenn mill-Kummissjoni biex tassigura li l-ebda pajjiż benefiċjarju ma jirċievi inqas fl-2007 minn dak li rċieva fl-2006 u barra minn

¹ Qed titħejja emenda lill-Anness II tar-Regolament IPA (KE) 1085/2006 għal dan l-iskop.

hekk li l-Bożnja u l-Herzegovina u l-Albanija ma għandhomx jirċievu inqas mill-medja annwali tal-finanzjament li kull wiehied irċieva bejn fl-2004 u l-2006. Dan l-aħħar punt irrifletta l-fatt li l-finanzjament għal dawn il-pajjiżi kien ikkonċentrat fl-2004. Fl-ewwel sentejn tal-IPA, l-impimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet għall-impenji kienet qrib il-100% (inkluż approprjazzjonijiet mgħoddija għas-sena ta' wara li kienu impenjati għal kollox).

Iċ-ċifri għall-2008 'il quddiem kienu kkalkulati fuq il-bażi tal-allokkazzjoni per-capita li kienu kkwotati fil-passat bħala indikazzjoni għall-ħtiġijiet u l-impatt. Kontra din il-miżura, il-livelli għal kull kandidat potenzjali mill-Balkani tal-Punent żdiedu matul il-kors tal-qafas finanzjarju attwali għal iktar mill-medja per-capita għall-2004-2006 ta' 23 EUR (fi prezzijiet għall-2004) rċevuti taħt il-CARDS. Għall-Montenegro, il-livelli per-capita tal-finanzjament huma ogħla minn dawn għall-pajjiżi kandidati potenzjali, li jirrifletti livell minimu ta' finanzjament meħtieġ għall-amministrazzjonijiet xierqa, irrispettivament mid-daqs tal-pajjiż. It-tqassim globali ta' fondi bejn il-pajjiżi ġie rispettati bl-eċċezzjoni tal-Kosovo² li rċieva aktar fondi tal-IPA. Fl-2008 € 60 miljun kienu mogħtija mill-awtorità tal-baġit bħala parti ta' mobilizzazzjoni iktar wiesgħa ta' fondi ġodda għas-sostenn tal-istabbiltà u l-iżvilupp tal-Kosovo. Dan kien ġie supplimentat bi trasferiment ta' € 60 miljun oħra minn approprjazzjonijiet ta' assistenza (MFA) makro-finanzjarji mhux użati. Fl-2009, ġew impenjati €40 miljun bħala segwitu tal-konferenza tad-donaturi li nżammet f' Lulju 2008.

Għall-Kroazja u għall-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, bħala pajjiżi kandidati, huwa previst livell ta' iktar minn 30 EUR per capita (fi prezzijiet tal-2004). Dan il-livell qed jinżamm matul il-perjodu għall-Kroazja. Għall-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-finanzjament f' termini per capita ikompli jidied, li jirrifletti livell minimu ta' finanzjament meħtieġ għall-bini ta' amministrazzjonijiet xierqa irrispettivament mid-daqs tal-pajjiż.

Għat-Turkija, meta jitqies id-daqs u l-kapaċità ta' assorbiment tal-pajjiż, hemm żieda gradwali fil-livelli ta' għajjnuna per-capita matul il-perjodu 2007-2013.

2. Allokkazzjonijiet bejn il-komponenti

L-IPA jitwassal permezz ta' dawn il-ħames komponenti li ġejjin: I – it-Tranżizzjoni u l-Bini tal-Istituzzjonijiet; A – il-Kooperazzjoni transkonfinali; III - l-Iżvilupp Reġjonali; IV – l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani; u V – l-Iżvilupp Rurali.

Komponent I, l-Għajjnuna għat-Tranżizzjoni u l-Bini tal-Istituzzjonijiet tkopri l-azzjonijiet tal-bini tal-istituzzjonijiet kollha u l-investimenti relatati mal-acquis communautaire; din tgħin il-pajjiżi benefiċjarji joħlqu kapaċità amministrattiva u ġudizzjarja u tindirizza, skont il-prijorità, miżuri ta' kooperazzjoni mhux koperti b'mod espressiv mill-komponenti l-oħrajn.

Komponent II, il-Kooperazzjoni transkonfinali, tappoġġja attivitajiet transkonfinali fost il-pajjiżi benefiċjarji u bejn il-pajjiżi benefiċjarji u l-Istati Membri; din tkopri wkoll il-parteċipazzjoni tal-benefiċjarji tal-IPA fil-programmi tal-kooperazzjoni transnazzjonali u interreġjonali tal-ERDF u fil-programmi tal-baċiri tal-baħar tal-ENPI, kif xieraq.

Komponent III, l-Iżvilupp Reġjonali hu aċċessibbli għall-pajjiżi kandidati u jemula, sal-iktar limitu possibbli, l-ERDF u l-Fond ta' Koeżjoni, b'hekk jagħti lill-pajjiżi benefiċjarji l-ogħla approssimazzjoni possibbli għall-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali taħt ir-regoli tal-Għajjnuna Esterna.

² Taħt ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244/99.

Komponent IV l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, aċċessibbli għall-pajjiżi kandidati, jippreparhom għall-ipprogrammar, l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-Fond Soċjali Ewropew, fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi.

Komponent V, l-Iżvilupp Rurali, jgħin lill-pajjiżi kandidati biex jippreparaw għall-programmi ta' żvilupp rurali wara l-adeżjoni ffinanzjati mill-UE billi jimplimenta għajna ta' qabel l-adeżjoni permezz ta' sistemi li huma simili kemm jista' jkun ta' dawk li huma meħtieġa wara l-adeżjoni.

Fid-determinazzjoni tal-allokkazzjoni bejn il-komponenti, kien ikkunsidrat sew li jkunu lesti sistemi ta' ġestjoni deċentralizzata neċessarji għall-implimentazzjoni tal-komponenti III, IV u V fil-pajjiżi kandidati preżenti kif ukoll il-ħtieġa għall-finanzjament tal-komponent II peress li hu relatat mal-kooperazzjoni transkonfinali mal-Istati Membri biex ikunu bħall-finanzjament ekwivalenti tal-ERDF mill-intestatura 1b.

3. **Allokkazzjonijiet oħrajn**

Nefqa ta' appoġġ

Dan il-pakkett ikopri l-ispejjeż amministrattivi marbuta direttament mal-implimentazzjoni tal-IPA. FI-2007, l-2008 u l-2009 kienet tinkludi wkoll l-ispejjeż amministrattivi biex jintemm għal kollox il-finanzjament preċedenti ta' qabel l-adeżjoni, inkluż għall-Bulgarija u r-Rumanija.

Allokkazzjoni għall-programmi multibenefiċjarji

L-għan tal-programmi multibenefiċjarji skont il-Komponent I huwa li jikkomplimenta l-Programmi Nazzjonali u li jsaħħaħ ir-relazzjonijiet multilaterali fil-Balkani tal-Punent u fit-Turkija. L-istrateġija tiffoka fuq żoni identifikati bħala kruċjali għall-integrazzjoni Ewropea u għall-istabbiltà fir-reġjun. Il-programmi b'impatt reġjonali, u / jew dawk li jistgħu jibbenefikaw mill-ekonomiji ta' skala jew ambitu jekk ikunu implimentati orizzontalment madwar numru ta' pajjiżi benefiċjarji, huma ffinanzjati taħt dan il-pakkett.

Il-programmi b'benefiċjarji multipli jsostnu, fost affarijiet oħrajn, l-Iskola Reġjonali għall-Amministrazzjoni Pubblika, il-Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles fl-Ewropa Ċentrali (CEFTA), il-Kunsill Reġjonali ta' Kooperazzjoni (RCC) u l-Faċilità ta' Soċjetà Ċivili ġdida. Il-bini tal-istituzzjonijiet hi appoġġjata permezz tal-istrument TAIEX, u, l-allokkazzjonijiet huma magħmula għall-verifiki u għall-valutazzjoni tal-programmi reġjonali u nazzjonali, kif ukoll għall-informazzjoni u attivitajiet ta' komunikazzjoni. Ħtiġijiet ta' investiment għall-SMEs, effiċjenza tal-enerġija u żvilupp tal-infrastruttura, mqassma f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Bank Ewropew għall-Investiment u Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFIs), ser ikompli jkunu appoġġjati b'parti sostanzjali tal-allokkazzjoni reġjonali u orizzontali. Dan l-appoġġ ser ikun allinjat mad-diskussjonijiet dwar l-Inizjattiva ta' Infrastruttura fil-kuntest tal-Qafas il-ġdid ta' Investiment fil-Balkani tal-Punent, li l-għan tiegħu hu li jtejjeb il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fost l-inizjattivi differenti sponsorjati mid-donaturi u l-IFIs impenjati b'mod attiv fil-Balkani tal-Punent. Prijorità oħra hija l-edukazzjoni, li għaliha ser tiżdied l-allokkazzjoni għal boroż ta' studju.

Mill-2010, parti mill-komponent II, jiġifieri l-parteciċipazzjoni ta' pajjiżi fi programmi transnazzjonali tal-ERDF "Mediterran" u "Ewropa tax-Xlokk" ukoll se jkunu implimentati fuq bażi multibenefiċjarja, għall-ħeffa tal-implimentazzjoni.

Preżentazzjoni ta' ċifri

It-tabella li ġejja tagħti ċ-ċifri ta' hawn fuq fi *prezzijiet attwali* u f'*euro*. Din turi l-allokazzjonijiet skont il-pajjiż u skont il-komponent, kif ukoll għall-programm multibenefiċjarju u n-nefqa ta' appoġġ. Iċ-ċifri finali ta' impenn għall-2007 u l-2008, kif ukoll iċ-ċifri aġġornati għall-2009 u l-2010 huma inklużi għall-ħeffa ta' referenza.

Qafas Finanzjarju Indikattiv Multiannwali: Analiżi tal-Pakkett għall-Istrument għal Għajjuna ta' Qabel l-Adeżjoni għall-2011-2013 f'allokazzjonijiet skont il-pajjiż u l-komponent

<i>Komponent</i>	<i>2007</i>	<i>2008</i>	<i>2009</i>	<i>2010</i>	<i>2011</i>	<i>2012</i>	<i>2013</i>
<i>IL-KROAZJA</i>							
<i>L-għajjuna tranżitorja u l-bini tal-istituzzjonijiet</i>	49,611,775	45,374,274	45,601,430	39,483,458	39,959,128	40,872,310	38,513,885
<i>Il-kooperazzjoni transkonfinali</i>	9,688,225	14,725,726	15,898,570	15,601,136	15,869,158	16,142,542	16,698,384
<i>L-iżvilupp reġjonali</i>	45,050,000	47,600,000	49,700,000	56,800,000	58,200,000	59,348,000	62,000,000
<i>L-iżvilupp tar-riżorsi umani</i>	11,377,000	12,700,000	14,200,000	15,700,000	16,000,000	16,040,000	18,000,000
<i>Żvilupp rurali</i>	25,500,000	25,600,000	25,800,000	26,000,000	26,500,000	27,268,000	27,700,000
<i>TOTAL</i>	141,227,000	146,000,000	151,200,000	153,584,594	156,528,286	159,670,852	162,912,269
<i>DIK LI QABEL KIENET IR-REPUBBLIKA JUGOŽLAVA TAL-MAĊEDONJA</i>							
<i>L-għajjuna tranżitorja u l-bini tal-istituzzjonijiet</i>	41,641,613	41,122,001	39,328,499	36,317,068	28,803,410	28,207,479	27,941,228
<i>Il-kooperazzjoni transkonfinali</i>	4,158,387	4,077,999	4,371,501	5,067,526	5,124,876	5,183,373	5,243,041
<i>L-iżvilupp reġjonali</i>	7,400,000	12,300,000	20,800,000	29,400,000	39,300,000	42,300,000	51,800,000
<i>L-iżvilupp tar-riżorsi umani</i>	3,200,000	6,000,000	7,100,000	8,400,000	8,800,000	10,380,000	11,200,000
<i>Żvilupp rurali</i>	2,100,000	6,700,000	10,200,000	12,500,000	16,000,000	19,000,000	21,028,000
<i>TOTAL</i>	58,500,000	70,200,000	81,800,000	91,684,594	98,028,286	105,070,852	117,212,269

Komponent	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013
IT-TURKIJA							
<i>L-ghajjnuna tranżitorja u l-bini tal-istituzzjonijiet</i>	256,702,720	256,125,297	239,550,810	211,312,664	228,620,919	233,900,336	238,325,843
<i>Il-koop. transkonfinali</i>	2,097,280	2,874,709	3,049,190	9,587,336	9,779,081	9,974,664	10,174,157
<i>L-iżvilupp reġjonali</i>	167,500,000	173,800,000	182,700,000	238,100,000	293,400,000	367,805,000	378,000,000
<i>L-iżvilupp tar-riżorsi umani</i>	50,200,000	52,900,000	55,600,000	63,400,000	77,600,000	89,930,000	96,000,000
<i>Żvilupp rurali</i>	20,700,000	53,000,000	85,500,000	131,300,000	172,500,000	197,890,000	213,000,000
TOTAL	497,200,000	538,700,006	566,400,000	653,700,000	781,900,000	899,500,000	935,500,000
L-ALBANIJA							
<i>L-ghajjnuna tranżitorja u l-bini tal-istituzzjonijiet</i>	54,318,790	62,117,756	71,377,079	82,711,421	84,301,650	85,987,683	87,446,037
<i>Il-koop. transkonfinali</i>	6,681,210	8,582,244	9,822,921	9,973,173	10,126,636	10,283,169	10,666,232
TOTAL	61,000,000	70,700,000	81,200,000	92,684,594	94,428,286	96,270,852	98,112,269
IL-BOŻNIJA U HERZEGOVINA							
<i>L-ghajjnuna tranżitorja u l-bini tal-istituzzjonijiet</i>	58,136,394	69,854,783	83,892,254	100,688,099	102,681,861	104,673,499	106,870,228
<i>Il-koop. transkonfinali</i>	3,963,606	4,945,217	5,207,746	4,696,495	4,746,425	4,797,353	4,942,041
TOTAL	62,100,000	74,800,000	89,100,000	105,384,594	107,428,286	109,470,852	111,812,269

Komponent	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013
IL-MONTENEGRO							
<i>L-ghajjnuna għat-tranżizzjoni u l-bini tal-istituzzjonijiet</i>	27,490,504	28,112,552	28,632,179	29,238,823	29,843,599	30,446,471	30,996,035
<i>Il-kooperazzjoni transkonfinali</i>	3,909,496	4,487,448	4,667,821	4,282,690	4,310,344	4,338,551	4,418,687
TOTAL	31,400,000	32,600,000	33,300,000	33,521,513	34,153,943	34,785,022	35,414,722
IS-SERBJA							
<i>L-ghajjnuna għat-tranżizzjoni u l-bini tal-istituzzjonijiet</i>	181,496,352	179,441,314	182,551,643	186,206,679	189,956,810	193,801,948	203,101,005
<i>Il-kooperazzjoni transkonfinali</i>	8,203,648	11,458,686	12,248,357	11,751,753	11,922,790	12,097,244	11,630,694
TOTAL	189,700,000	190,900,000	194,800,000	197,958,432	201,879,600	205,899,192	214,731,699
IL-KOSOVO							
<i>L-ghajjnuna għat-tranżizzjoni u l-bini tal-istituzzjonijiet</i>	68,300,000	184,700,000	106,100,000	64,484,594	65,828,286	67,070,852	70,712,269
<i>Il-kooperazzjoni transkonfinali</i>	0	0	0	2,815,406	2,871,714	2,929,148	2,987,731
TOTAL	68,300,000	184,700,000	106,100,000	67,300,000	68,700,000	70,000,000	73,700,000

PROGRAMMI TOTALI TAL-PAJJIŻI							
	<i>1,109,427,000</i>	<i>1,308,600,006</i>	<i>1,303,900,000</i>	<i>1,395,818,321</i>	<i>1,543,046,687</i>	<i>1,680,667,622</i>	<i>1,749,395,497</i>
<i>Komponent</i>	<i>2007</i>	<i>2008</i>	<i>2009</i>	<i>2010</i>	<i>2011</i>	<i>2012</i>	<i>2013</i>
PROGRAMMI TOTALI TAL-PAJJIŻI							
	<i>1,109,427,000</i>	<i>1,308,600,006</i>	<i>1,303,900,000</i>	<i>1,395,818,321</i>	<i>1,543,046,687</i>	<i>1,680,667,622</i>	<i>1,749,395,497</i>
PROGRAMMI MULTIBENEFIĊJARJI							
<i>L-ghajjnuna għat-tranżizzjoni u l-bini tal-istituzzjonijiet</i>	<i>108,980,000</i>	<i>135,700,000</i>	<i>166,055,000</i>	<i>138,967,000³</i>	<i>173,460,000</i>	<i>168,860,000</i>	<i>183,845,477</i>
<i>Il-kooperazzjoni transkonfinali</i>	<i>0</i>	<i>0</i>	<i>0</i>	<i>4,921,679</i>	<i>5,293,313</i>	<i>5,672,378</i>	<i>6,059,026</i>
NEFQA TA' APPOĠĠ							
	<i>44,793,000</i>	<i>51,950,000</i>	<i>47,648,000</i>	<i>52,993,000</i>	<i>75,000,000</i>	<i>80,500,000</i>	<i>84,500,000</i>
IS-SOMMA FINALI							
	<i>1,263,200,000</i>	<i>1,496,250,006</i>	<i>1,517,603,000</i>	<i>1,592,700,000</i>	<i>1,796,800,000</i>	<i>1,935,700,000</i>	<i>2,023,800,000</i>

Iċ-ċifri huma f' miljuni ta' euro, fi prezzijiet attwali

³ Dan jinkludi tnaqqis ta' €29 miljun għall-faċilità tas-sigurtà tal-ikel li se titħallas lura fl-2011 (€14-il miljun), l-2012 (€6 miljun) u l-2013 (€9 miljun). Il-fondi li tħallsu lura f'dawn is-snin huma murija wkoll fit-tabella.